MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 576/2010

**Allied Newspapers Limited (C 308)**

**vs**

**IP Investors Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi fit-7 ta' Mejju 2010, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf tlett mija u erba u sebghin ewro, u tlieta u tlettin centezmi (€1374.33) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha inluzi dawk ta ittra ufficjali u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma elf tlett mija u erba u sebghin ewro, u tlieta u tlettin centezmi (€1374.33)bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------